

Brussell, 19 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10565/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0099 (COD)

CODEC 1186
ENV 733
MI 636
RELEX 844
AELE 44
PE 88

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1157 fir-rigward tal-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' skart muniċipali mħallat destinat għall-irkupru - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mill-15 sat-18 ta' Ġunju 2026)

I. INTRODUZZJONI

Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Wara li l-plenarja tal-Parlament Ewropew approvat it-talba mill-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) biex jipproċedi skont ir-Regola 170 (Proċedura urġenti) fis-16 ta' Ġunju 2026, il-Kumitat ENVI ppropona li jadotta mingħajr emendi l-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq.

II. VOT

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-18 ta' Ġunju 2026 billi approva l-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu.

Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument, u b'hekk jingħalaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġiżlattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

P10_TA(2026)0226

Il-vjeġġi ta' skart: l-esportazzjoni ta' skart muniċipali mħallat destinat għall-irkupru lejn l-Iżvizzera

Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2026 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1157 fir-rigward tal-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' skart muniċipali mħallat destinat għall-irkupru (COM(2026)0183 – C10-0108/2026 – 2026/0099(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2026)0183),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0108/2026),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2026¹,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsira l-Artikolu 60 u 170 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tat-18 ta' Ġunju 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1157 fir-rigward tal-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' skart municiipali mħallat destinat għall-irkupru

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja³,

² L-opinjoni tas-17 ta' Ġunju 2026 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2026.

Billi:

- (1) L-Artikolu 44(2), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2024/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ jipprojbixxi, mill-21 ta' Mejju 2026, l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' skart muniċipali mħallat li huwa destinat għall-irkupru f'pajjiżi terzi. Għalhekk, it-trasferiment ta' tali skart minn żoni tal-fruntiera tal-Unjoni lejn faċilitajiet ta' trattament fil-qrib fl-Iżvizzera, fejn jinżammu standards għoljin għall-immaniġġjar tal-iskart, ma jibqax jiġi awtorizzat, u b'hekk tintemm prattika li ilha stabbilita sew. Il-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' dak l-iskart lejn l-Iżvizzera konsegwentement iċċaqlaq it-trasport ta' tali skart lejn pajjiżi oħrajn u lejn faċilitajiet għall-immaniġġjar tal-iskart li jinsabu aktar 'il bogħod, u tirriżulta fis-sostituzzjoni tat-trasport ferrovjarju tal-iskart b'trasport bit-triq addizzjonali. Dan iżid il-kostijiet tal-immaniġġjar ta' dak l-iskart u jiġġenera eċċess ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mat-trasport bit-triq addizzjonali tiegħu, filwaqt li jagħti lok għal benefiċċji limitati ħafna. Konsegwentement, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 44(2), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2024/1157 biex jippermetti l-kontinwazzjoni tal-esportazzjoni lejn l-Iżvizzera ta' skart muniċipali mħallat destinat għall-irkupru.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar vjeġġi ta' skart, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) 2020/1056 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L, 2024/1157, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1157/oj>).

- (2) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/1157 jiġi emendat kif xieraq.
- (3) Minħabba li l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista' pjuttost, minħabba l-ħtieġa ta' armonizzazzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-oġġettiv.
- (4) Fid-dawl tad-dħul fis-seħħ imminenti tal-projbizzjoni tat-trasport ta' skart muniċipali mħallat destinat għall-irkupru, li jfixxkel il-vjeġġi ta' skart muniċipali mħallat lejn l-Iżvizzera, u minħabba li l-kunsensi għal tali vjeġġi li ngħataw qabal id-dħul fis-seħħ ta' dik il-projbizzjoni huma validi għal massimu ta' sena, huwa meqjus xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) 2024/1157, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) l-esportazzjoni tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 4(3) għandha tkun ipprojbata, ħlief lejn l-Iżvizzera;"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President